**Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum 2006**

**Studji Soċjali Ir-Rapport ta' l-Eżaminatur Ewlieni**

## Daħla

L-eżaminaturi qagħdu attenti ħafna li jagħmlu karta ta' l-eżami bbilanċjata u li tkun aċċessibli għall-kandidati kollha. Għalhekk

- Saru żewġ verżjonijiet ta' l-istess karta, waħda bil-Malti u l-oħra bl-ilsien Ingliż.
- Saret verżjoni b'ittri akbar għat-tfal xi ftit neqsin mid-dawl u saru modifikazzjonijiet oħra għal kandidati bi bżonnijiet speċjali.
- It-tqassim tal-karta sar b'attenzjoni kbira biex l-istampi u l-mapep ikunu kbar biżżejjed u ċari.
- Ingħatat attenzjoni partikolari biex il-mistoqsijiet ikunu diretti u ċari kemm jista jkun.
- Ħadu ħsieb li fil-mistoqsijiet ma jkunx hemm diskriminazzjoni ta' ġendru, arja ġeografika, eċċ.
- Ħadu ħsieb biex iqassmu l-marki tajjeb fuq kull settur tas-sillabu, jiġifieri l-ambjent ġeografiku, dak soċjali u dak storiku.
- Ħadu ħsieb li jqassmu l-marki fi tliet livelli differenti, jiġifieri xi mistoqsijiet kienu ta' livell ħafif, oħrajn ta' toqol medju waqt li oħrajn kienu ta' livell xi ftit tqil.
- Il-karta ta' l-eżami kienet tinkludi mistoqsijiet fuq varjeta kbira ta' sezzjonijiet mis-sillabu. Kienet bilanċjata u tittestja ħiliet differenti bħal għerf, fehma u ħiliet u attitudnijiet.
- Il-karta ta' l-eżami kienet gradata tajjeb bl-eżerċizzi xi ftit diffiċli jkunu għall-aħħar.

- Il-livell ta' diffikulta' tal-karta ta' l-eżami kien tajjeb u aċċessibli ħafna għall-kandidati. Għalhekk ħafna mill-kandidati għaddew. (*Mill-kandidati li qagħdu għal dan l-eżami għaddew 84%.)*

**Kummenti dwar Kull Taħriġ**

L-għalliema u l-ġenituri li jaqraw sewwa dan ir-rapport għandhom jieħdu nota ta' żbalji komuni biex dawn jiġu evitati fil-futur.

**Taħriġ A**

Dan kien eżerċizzju xi ftit ħafif li l-kandidati ta' kull livell kellhom fejn jaħdmu. Minkejja dan ħafna mill-kandidati ma rnexxilhomx jieħdu l-marki kollha. Kien jidher ċar li l-kandidati ħafna drabi jistudjaw bl-amment u għalhekk ma kienux kapaċi jittrasferixxu it-tagħrif li kienu ħadu meta l-mistoqsijiet ma jsirux eżattament kif huma jkunu studjawhom. Per eżempju ħafna kandidati ma kienux jafu li Malta tifforma parti mill-Commonwealth minkejja l-laqgħa riċenti tal-Kapijiet tal-Commonwealth f'Malta (mistoqsija numru 5). Iżda l-iżjed mistoqsija li ħolqot diffikulta' kienet il-mistoqsija numru 2. Mistoqsijiet oħra fejn xi kandidati żbaljaw kienu in-numri 6, 7 u 8.

**Taħriġ B**

F'dan l-eżerċizzju l-kandidati kellhom jagħżlu l-kelma t-tajba. Dan deher eżerċizzju ħafif u ħafna mill-kandidati marru tajjeb ħafna. Il-mistoqsija numru 8 tidher li ħolqot l-iżjed diffikulta'. Barra minn dan xi kandidati ma kienux jafu li l-bniedem neolitiku kien juża ż-żnied u ħafna minnhom wieġbu l-azzar (mistoqsija numru 3). Mistoqsijiet oħra fejn xi kandidati żbaljaw kienu in-numri 5 u 6.

**Taħriġ Ċ**

Dan kien eżerċizzju pjuttost ħafif fejn il-kandidati ġeneralment marru tajjeb. L-iktar żball komuni kien li ħawdu s-settur sekondarju ma dak post sekondarju. Xi kandidati oħra żbaljaw fl-aħħar żewġ frasijiet li kellhom jimlew fis-silta mogħtija.

**Taħriġ D**

Il-kandidati jidher li kienu ppreparati tajjeb fuq il-mappa ta' l-arċipelagu Malti u fil-parti l-kbira tagħhom ħadu ħafna marki f'dan l-eżerċizzju. Xi kandidati madanakollu ma fehmux x'riedu jagħmlu fl-ewwel mistoqsija u ma kitbux l-ismijiet tal-gżejjer. Jidher li kieku saru linji lesti fuq il-mappa żgur li kien igħin ħafna lil dawn il-kandidati. L-iktar żball komuni kien li xi kandidati ħawdu l-gżira ta' Kemmuna ma Filfla.

**Taħriġ E**

Il-kandidati sabu dan l-eżerċizzju xi ftit diffiċli speċjalment il-mistoqsijiet 3 u 4. Fil-mistoqsija numru 1 kien hemm ħafna kandidati li wieġbu pjuttost tajjeb għalkemm kien hemm numru mhux ħażin tagħhom li ma ħadux il-marki kollha tal-mistoqsija. Fil-mistoqsija numru 2 il-kandidati ħawwdu is-suldati mall-ħaddiema. Fil-mistoqsija numru 3 ħafna mill-kandidati kkonkludew li l-Belt Valletta kienet mibnija kompletament f'dak iż-żmien bil-bereġ, Katidral, eċċ. Ħafna mill-kandidati wieġbu il-mistoqsija numru 4 ħażin u ftit irrealizzaw li l-Kavallieri kienu ospitieri. Din il-mistoqsija kienet l-iżjed waħda tqila u kienet timmerita żewġ marki.

**Taħriġ F**

Dan kien eserċizzju xi ftit ħafif għal ħafna mill-kandidati anki minħabba l-informazzjoni tajba li ngħataw biex jgħinhom fit-tweġibiet tagħhom. Ħafna mill-kandidati kienu kapaċi jidentifikaw dawk il-pajjiżi madwar il-Mediterran u ftit kien hemm problemi kbar. L-iżjed żbalji komuni kienu li ħawwdu lil Franza ma Spanja, Spanja mal-Portugal u l-Libja ma l-Eġittu.

**Taħriġ Ġ**

Xi ftit mill-kandidati wrew li ma kellhom l-ebda ideja ta' kronoloġija. Oħrajn ħasbu li Jum il-Vittorja u r-rebħa tat-Torok kienu żewġ festi differenti. Fl-ewwel parti tal-mistoqsija d-diffikultajiet prinċipali kienu fil-partijiet ċ, d u e. Fit-tieni parti saru ħafna iżjed żbalji u ħafna kandidati ma għamlu l-ebda konnessjoni bejn il-ġrajja u s-sena meta ġrat. Xi wħud mill-kandidati kitbu biss id-dati. L-iżjed żball komuni kien li Jum il-Ħelsien ġie konfuż ma Jum l-Independenza jew Jum ir-Repubblika.

**Taħriġ G**

Ir-rendiment tal-kandidati f'dan l-eserċizzju kien wieħed normali. Ftit mill-kandidati kienu kapaċi jagħtu l-ewwel tweġiba. Barra minn dan numru mhux ħażin tal-kandidati ma tawx tweġibiet tajbin għal mistoqsijiet 3 u 8. Xi wħud mill-kandidati wkoll interpretaw ħażin mill-graff liema kienu l-iksaħ xhur tas-sena.

**Taħriġ GĦ**

Jidher li l-kandidati għandhom ikunu ppreparati aħjar biex jirrespondu mistoqsijiet fuq sitwazzjonijiet soċjali. Fil-mistoqsija numru 1 ħafna mill-kandidati iddeskrivew biss x'jagħmlu biex itejjbu l-ambjent minflok kif jipparteċipaw fil-grupp. Il-mistoqsija numru 2 kienet l-iżjed waħda diffiċli għall-kandidati. Ħafna minnhom iddiskrevew biss ir-rwol tal-prefect jew stqarrew li l-Kumitat tal-Prefects għandu jieħu ħsieb lill-istudenti l-oħra meta l-għalliem ma jkunx hemm. L-ajħar li marru l-kandidati kien fil-mistoqsija numru 3 fejn huma rnexxielhom isemmu modi differenti kif jistgħu juru solidarjeta' ma l-oħrajn.

**Taħriġ H**

Dan l-eżerċizzju kien wieħed selettiv ħafna. Numru mhux ħażin tal-kandidati taw xi eżempji tajba ħafna fl-ewwel żewġ mistoqsijiet. Iżda l-kandidati ġeneralment sabu diffikultajiet kbar fit-tielet u r-raba' mistoqsija. Fil-mistoqsija numru 3 kien jidher ċar li l-kandidati ma fehmux il-kunċett ta' kultura. Fil-mistoqsija numru 4 ħafna mill-kandidati irrespondew billi taw tweġibiet qosra u xotti u jidher li ma fehmux li riedu jiktbu iżjed fit-tul u jsemmu punti differenti.

**Taħriġ Ħ**

Fl-ewwel mistoqsija l-għoti tal-kliem biex jgħin lill-kandidati wassal biex xi wħud minnhom tfixklu u irrepetew biss dawn il-kliem f'sentenzi mingħajr ma żviluppaw l-idejat tagħhom tajjeb. Il-kandidati wrew nuqqas ta' ħila biex jiktbu paragrafu qasir li fih idaħħlu xi idejat differenti. Kien ikun forsi iżjed ta' għajnuna kieku ġew identifikati in-numru ta' punti li l-kandidati kellhom isemmu. Ħafna mill-kandidati kkonċentraw l-aktar fuq l-inkwinament ta' l-arja, il-perikli għas-saħħa u l-ħsejjes li jdejjqu lix-xjuh.

Fit-tieni mistoqsija numru mhux ħażin tal-kandidati ma fehmux li huma kellhom jiktbu dwar l-imġieba tagħhom fejn jidħol it-traffiku u kitbu biss fuq manjeri oħra tajba bħall-importanza li ma jħammġux. Oħrajn ittrattaw il-mistoqsija mill-perspettiva ta' l-adulti u kitbu biss fuq l-imġieba tas-sewwieqa.

**Taħriġ I**

Dan kien l-aktar eżerċizzju li l-kandidati sabu diffiċli u l-marki li rnexxielhom jakkwistaw kienu ġeneralment baxxi. Ftit mill-kandidati rrealizzaw li f'dak iż-żmien Malta kienet għada tiġġieled fl-Assedju l-Kbir u ħafna ħasbu li l-għajnuna li kellha tingħata kienet dik ta' l-1566 għal bini tal-belt il-ġdida Valletta. B'hekk il-kandidati wrew li ma fehmux il-kunċett tal-ħin u ħafna minnhom spiċċaw jiktbu barra mis-suġġett. Infatti ħafna kitbu fuq dak li ġara wara l-Assedju l-Kbir. Il-kandidati ġeneralment urew nuqqas ta' immaġinazzjoni u ftit tagħrif storiku kien jidher fl-ittri miktuba. Xi wħud talbu biss għall-għajnuna fl-ittra tagħhom mingħajr ma spegaw xejn x'kien ġara. Oħrajn ħawwdu l-Assedju l-Kbir mat-Tieni Gwerra Dinjija. Kien hemm iżda xi kandidati li fehmu x'għandhom jagħmlu u rxexxielhom isemmu l-punti ewlenin bħal waqgħa ta' Sant'Iermu, l-attakk Tork fuq l-Isla u l-Forti San Mikiel u l-mewt ta' Dragut.

**Kummenti dwar studju u tagħlim**

- L-għalliema għandhom joqogħdu attenti li ma jippreparawx lill-istudenti tagħhom b'ħafna studju bl-amment iżda li jiżviluppaw fihom il-ħiliet neċessarji biex jirraġunaw u jsorvu kwalunkwe problema li jistgħu jiltaqgħu magħha. Dan jista jsir billi t-tagħlim ma jkunx ibbażat biss fuq għotja ta' informazzjoni iżda billi ssir diskussjoni kontinwa u ħajja fil-klassi. B'hekk l-istudenti jkunu qegħdin jifhmu aħjar u jkunu f'pozizzjoni aħjar li jirrispondu tajjeb u b'mod relevanti fl-eżamijiet.

- Ir-risposti tal-kandidati juru li ħafna kandidati jistudjaw bl-amment. Il-kandidati ħafna drabi jirrepetu fatti li huma kienu studjaw u mhux jinterpretaw jew jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Ma jidhirx li għandhom il-ħiliet neċessarji biex jadottaw il-materjal li kienu studjaw għal mistoqsijiet li kellhom.

- Kien ovvju li l-kandidati marru l-aħjar fil-mistoqsijiet fuq is-sezzjonijiet li kellhom x'jaqsmu mall-ġeografija u l-istorja. Jidher li l-aspett soċjali kien il-parti fejn il-kandidati batew l-aktar. Billi t-temi kienu astratti u forsi xi ftit diffiċli għall-istudenti fl-iskola, jidher li mhux jingħata biżżejjed ħin għalihom. L-għalliema għandhom jikkonċentraw iżjed fuq dawk l-aspetti li jitolbu diskussjoni fil-klassi u mhux biss jingħataw l-informazzjoni meħtieġa.

- L-għalliema għandhom jittrenjaw lill-istudenti biex jikkonsidraw in-numru ta' marki u l-linji li jkun hemm imħollija għal kull risposta. B'hekk ikunu jafu fejn għandhom jirrispondu iżjed fit-tul.

- L-għalliema għandhom ukoll jippreparaw aħjar lill-istudenti biex jiktbu iżjed tajjeb u b'mod ippjanat meta jiktbu fit-tul. B'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jesprimu ruħhom aħjar u ma jagħmlux wisq repetizzjonijiet fil-kitba tagħhom.

- Waqt l-eżami l-kandidati għandhom iħallu ħin biżżejjed biex fl-aħħar jirrevedu dak kollu li jkunu kitbu u jiċċekkjaw jekk wieġbux il-mistoqsijiet kollha u jekk għamlux dan b'mod ċar.

- L-għalliema għandhom jagħmlu lill-istudenti iżjed konxji ta' dak li huma jkunu mitluba jagħmlu f'kull taħriġ. Huwa importanti ħafna li waqt l-eżami l-istudenti ma jitilfux il-konċentrazzjoni iżda li jirrispondu dak li attwalment jiġu mitluba.

- Il-kandidati jidher li kienu ddriljati f'ċerti eżerċizzi bħal xoghol fuq il-mapep. Għalhekk marru tajjeb f'dawn l-eserċizzi.

- L-għalliema għandhom jorganizzaw żjarat u ħarġiet marbutin mat-temi storiċi, soċjali u ġeografiċi li jidhru fis-sillabu biex dan ikun jidher iżjed ħaj. Din l-esperjenza personali tkun mingħajr dubju utli ħafna għalihom u tagħtihom il-kuraġġ li jiffaċċjaw kwalunkwe taħriġ dwar dawn it-temi.

- B'dispjaċir wieħed jinnota li kien hemm xi kandidati li il-kalligrafija u l-ortagrafija tagħhom kienu terribli. Minkejja li dawn ma jiġux ippenalizzati fl-eżami, jkun tajjeb li l-istudenti jiġu

ippreparati biex jipprovaw jiktbu aħjar u b'mod iżjed ċar li jinqara sewwa.

**RIFERENZA GĦAS-SILLABU**

| Eżerċizzju | Numru | Referenza Għas-Sillabu |
|---|---|---|
| **A** | **1-8** | AMBJENT UMAN 5.1 |
| **B** | **1** | AMBJENT STORIKU 1.1 |
| | **2** | AMBJENT STORIKU 1.2 |
| | **3** | AMBJENT STORIKU 1.3 |
| | **4** | AMBJENT STORIKU 1.4 |
| | **5** | AMBJENT STORIKU 2.1 |
| | **6** | AMBJENT STORIKU 2.2 |
| | **7** | AMBJENT STORIKU 2.3 |
| | **8** | AMBJENT STORIKU 5.1 |
| | **9** | AMBJENT STORIKU 5.2 |
| | **10** | AMBJENT STORIKU 5.3 |
| **C** | **1-6** | AMBJENT UMAN 3.1 |
| **D** | **1** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 1.2 |
| | **2** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 1.3 |
| | **3** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 1.4 |
| **E** | **1** | AMBJENT STORIKU 4.2 & 4.3 |
| | **2** | AMBJENT STORIKU 4.2 |
| | **3** | AMBJENT STORIKU 4.3 |
| | **4** | AMBJENT STORIKU 4.4 |
| **F** | **1-5** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 2.2 |
| | **6** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 2.3 |
| **G** | **1** | AMBJENT STORIKU 6 |

| | | |
|---|---|---|
| | **2a** | AMBJENT STORIKU 6.3 |
| | **2b** | AMBJENT STORIKU 6.2 |
| | **2c** | AMBJENT STORIKU 6.1 |
| | **2d** | AMBJENT STORIKU 6.5 |
| | **2e** | AMBJENT STORIKU 6.4 |
| **H** | **1-8** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.2 |
| **I** | **1-3** | AMBJENT UMAN 3.4 |
| **J** | **1-4** | AMBJENT UMAN 6 |
| **K** | **1** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 7.3 |
| | **2** | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 7.5 |
| **L** | | AMBJENT STORIKU 3 |

**NISĠA TA' SPEĊIFIKAZZJONI**

| | **Tip ta' Ambjent** | | | | **Oġġettivi** | | **Livell ta' Diffikulta'** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Taħriġ** | **Uman** | **Storiku** | **Ġeografiku** | **Għerf** | **Fehma** | **Ħilijiet u Attitudnijiet** | **Ħafif** | **Moderat** | **Tqil** |
| **A** | **8** | | | **6** | **2** | | **8** | | |
| **B** | | **10** | | **8** | **2** | | **10** | | |
| **Ċ** | **6** | | | **4** | **2** | | **6** | | |
| **D** | | | **12** | **2** | | **10** | **7** | **5** | |
| **E** | | **8** | | **3** | **5** | | **3** | **2** | **3** |
| **F** | | | **6** | | | **6** | | **6** | |
| **G** | | **10** | | | **5** | **5** | | **10** | |
| **H** | | | **8** | **5** | **3** | | | **4** | **4** |
| **I** | **6** | | | | | **6** | | | **6** |
| **J** | **12** | | | **6** | **6** | | | **5** | **7** |
| **K** | | | **8** | | **6** | **2** | | | **8** |
| **L** | | **6** | | | | **6** | | | **6** |
| **Total** | **32** | **34** | **34** | **34** | **31** | **35** | **34** | **32** | **34** |